MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 589/2010

***Vodafone Malta Limited
C-10865
Vs***

***Anthony sive Billy Cutajar
I.D.624461 (M)***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' mija erbgha u tmenin Ewro tmienja u hamsin centezmu (€784.58), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' internet rezi mis-socjeta' attrici lll-konvenut.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta entro it-terminu rikjest mil-ligi.

Illi deher rapprezentant tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u li l-konvenut, ma kienx ghamel pagamenti.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Is-socjeta’ attrici kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut ghaliex il-konvenut ma kienx effettwa ebda pagament. Il-konvenut kellu kull opportunita’ li jipprezenta l-kaz tieghu, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk dan it-Tribunal ser ikollu jikkonferma t-talbiet attrici.

Ghal dawn l-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici u jikkundanna ihallas is-somma ta’ seba’ mija erbgha u tmenin Ewro tmienja u hamsin centezmu (€784.58), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ internet rezi mis-socjeta’ attrici lil-konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------